**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, it-3 t'Ottubru 2023**

Kaz Nru: 201/2015

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Jonathan Ransley)

**kontra**

**ALEXIS MEDHY ROBIN MEYRET**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **Alexis Medhy Robin Meyret**, ta' ħamsa u għoxrin sena, imwieled Franza fl-24 ta' Frar 1990, iben Jean Marc u Nadia xebba Talbi, residenti fi flat 8, St. Albert Court, St. Albert Street, Gzira u detentriċi tal-liċenzja tas-sewqan Franċiza numru 09LG39100, permezz ta' liema kien akkużat talli f'xi ħin fil-31 ta' Lulju 2015 u l-ġranet ta' qabel ġewwa il-Gżira u fi nħawi oħra f'dawn il-gżejjer kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat il-5 t'Awwissu 205, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tiegħu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta u l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi gia mismugħa minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat li nhar l-10 ta' Mejju 2021, fuq talba tad-difiza, din il-Qorti diversament ippreseduta assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u rreferiet lill-imputat odjern quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Rat li permezz ta' nota pprezentata fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-5 t'Ottubru 2022, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-imputat odjern kien temm b'suċċess il-pjan ta' kura mħejji għalih.

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

<u>Kwistjoni Preliminari</u>

In linea preliminari din il-Qorti, fl-ewwel lok, ser tgħaddi sabiex tanalizza l-piż probatorju li hija għandha tagħti l-istqarrija rrillaxata mil-imputat fl-istadju investigattiv  u ċioe' fil-*pre-trial stage.* Dan wara li fl-udjenza tat-13 t'Ottubru 2017, id-difiza talbet għall-isfilz tal-istqarrija rrillaxata mill-imputat tenut kont li meta ttieħdet, l-imputat ma kienx ingħata d-dritt li jkun legalment assistiet waqt it-teħid tal-istqarrija.  L-istess talba ġiet ribadita fl-udjenzi tal-21 ta' Mejju 2018, 5 ta' Novembru 2018, u fit-8 ta' Frar 2022. Permezz ta' digriet mgħoti fid-29 ta' Marzu 2022, din il-Qorti ħadet nota li l-imputat kien qed jikkontesta l-validita'

[1] B'referenza għal fol. 8 tal-atti proċesswali.

tal-istqarrija minħabba li ma kienx legalment assistiet waqt it-teħid tal-istqarrija u rriservat li tipprovdi dwar l-istess fis-sentenza finali.

Illi hekk kif l-imputat ġie meħud l-isptar (hekk kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza), huwa tkellem immedjatament ma PC1258 u PC978 Wayne Camilleri, fejn hemm hekk wara li ġie mgħoti d-drittijiet tiegħu huwa ħa responsabilita' tal-basket u stqarr li l-istess basket u l-oġġetti li kienu fih kienu tiegħu. Sussegwentament l-istqarrija bil-miktub ġiet irrillaxata mill-qua imputat lill-ispettur Ransley nhar l-4 t'Awwissu tas-sena 2015 u dan wara li Meyret ġie mgħoti d-drittijiet spettanti lilu fil-liġi inkluz id-dritt tal-assistenza legali li dak iż-żmien li ttieħdet l-istqarrija u ċioe' fis-sena 2015 kien limitat biss għal siegħa qabel jibda l-interrogatorju. L-imputat kien użufrixxa minn dan id-dritt tant li jidher li kkonsulta ma' Dr. Giannella DeMarco qabel ittieħdet l-istqarrija. Dak iż-żmien l-imputat kellu ħamsa u għoxrin sena u l-fedina penali tiegħu kienet waħda netta.

Il-lanjanza tad-difiza hija bbazata fuq il-fatt li l-imputat ma kienx offrut id-dritt li jkun legalment assistiet minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrija u dan minkejja li l-liġi viġenti dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi għal dan id-dritt. Minn analizi tal-atti proċesswali ma jirrizultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija tant li fil-fatt ġie offrut id-dritt tal-assistenza legali limitat għal qabel l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat inkrimina lilu nnifsu b'referenza għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh u li għalkemm mhux l-unika prova, din l-istqarrija hija waħda mill-provi prinċipali tal-prosekuzzjoni.

B'hekk, din il-Qorti, wara li qieset dawn ir-rizultanzi fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[2], din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Dan bil-għan li tassigura li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat.

<u>Fatti tal-Każ</u>

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-fatti tal-każ odjern jirrisalu lura għall-31 ta' Lulju 2015 għal ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar meta

[2] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022) u u Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023).

l-pulizija kienet ġiet infurmata li ttajret persuna fi Triq San Albert ġewwa l-Gżira. Il-pulizija marret fuq il-post fejn sabet lill-qua imputat milqut minn vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JAH 852. Waqt li l-pulizija kienet fuq il-post, terza persuna - Maria Tiziana Balabalov Mizzi li kienet qed isuq il-vettura wara l-vettura li laqgħtet lill-qua imputat ġibdet l-attenzjoni tal-pulizija għall-basket tal-plastic li skond hi kien tal-vittma u ċioe' tal-qua imputat. Fix-xhieda tagħha hija tikkonferma li hekk kif niżlet mill-karozza sabiex tagħti l-assistenza tagħha ħabba l-inċident hija rat lill-imputat iżomm il-basket. Dan il-baskett kien kontenenti borża li kien fiha sustanza suspettata cannabis flimkien m'ammont ta' flus kontanti li kienu jammontaw għal Eur. 1400. L-imputat, min-naħa l-oħra ġie meħud l-isptar Mater Dei.

Nhar it-2 t'Awwissu 2015 kienet saret ukoll tfittija mill-pulizija fir-residenza tal-imputat u ċioe' fi flat 8, Albert Court, Triq San Albert, Gżira. Madanakollu PS157 Brian Mifsud ikkonferma li din it-tfittxija tat riżultat negattiv għal sustanzi illeċiti kif ukoll għall oġġetti relatati mal-użu tad-droga.

Il-prosekuzzjoni esebit fil-proċeduri odjerni s-sustanza elevata minn dan il-basket. Ix-xjenzat maħtur bħala espert mill-Qorti sabiex janalizza l-istess (fuq talba tal-prosekuzzjoni) - il-Profs Emanuel Sinagra, kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fuq estratt meħud mis-sustanza ħadra li hemm fid-dokument 101_17_01 instabet is-sustanza Tetrhydrocannabinol (THC). Il-piz total tal-ħaxix kien ta' 48.7 gramma u l-purita' kienet ta' ċirka 6%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taht Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*[3] (sottolinear ta' din il-Qorti).

## Kontestazzjoni Prinċipali tad-Difiza

Id-difiza qegħda tikkontendi, li mingħajr l-istqarrija tal-imputat ma teżisti l-ebda prova li tindika li s-sustanza u l-flus li kienu fil-baskett kienu tal-qua imputat. Id-difiza tispjega li dan il-basket instab mal-art fejn kien l-imputat wara li ttajjar minn vettura u għaldaqstant setgħa ġie mpoġġi hemm minn kwalunkwe persuna. Fl-aħħar net id-difiza sostni ukoll li ma tressqet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li tista' tipprova *chain of evidence* ta' dan il-basket li kien kontenenti l-flus u d-droga.

## Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita'

[3] Fol. 55 tal-atti proċesswali.

Hekk kif ingħad iżjed 'il fuq f'din is-sentenza, l-kontestazzjoni prinċipali tad-difiża tirrigwarda l-pussess xjenti tas-sustanza li wara li ġiet esebita u analizata fil-proċeduri odjerni rrizulta li hija s-sustanza pjanta tal-cannabis.

Il-prova prinċipali f'dawn ir-rigward hija t-testimonjanza ta' **Maria Tiziana Balabanov Mizzi** li dakinhar tal-31 ta' Lulju 2015 kienet qed isuq il-vettura tagħha wara l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAH 852 li (din tal-aħħar) tajret lill-imputat. Mit-testimonjanza tagħha jirrizulta li hija rat b'mod ċar l-inċident kif seħħ.

> *"Jien kont qed insuq Albert Street il-Gżira u nara raġel ħareġ u ta' quddiemi*
>
> ...
>
> *"Tal-karozza ta' quddiemi tah daqqa ovjament u dan ir-raġel ġie fuqkarozza oħra u ġie mal-art."*[4]

Mizzi ddeskriviet ukoll x'għamlet wara li rat l-inċident fejn stqarret:

> *"... U jien waqaft u inzilt nara jekk hux ok jew le dan ir-raġel li kien mal-art. U kien mitluf, inkellmuh jigifieri, kellu saqajh miftuħa jiġifieri u xejn, ċempilna ambulanza u pulizija. U xejn, kellu basket f'idejh, idoqqlu l-mobile u mill-ewwel ċempilna lill-pulizija u lill-ambulanza."*[5] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mistoqsija tgħid kemm kienu nies hija spjegat li kienet waħidha flimkien mal-persuna li tajritu li kien taħt xokk u żewġt irġiel oħra, wieħed minnhom Għarbi li tefgħalu x-xugaman taħt rasu. Hija spjegat li l-basket kien tal-plastic. In kontro-eżami (li sar wara t-trapass ta' ħames snin) stqarret li l-basket jew kien tal-plastic jew kien zgħir u li ġo fih kien hemm affarijiet simili għal herbs. Hija spjegat ukoll li biex rat il-kontenut ħarset ġewwa l-basket fejn ġo fih kien hemm borża mhux tal-plastic li kien fiha l-imsemmija oġġetti simili għal herbs li kien marbutin.

**PS157 Brian Mifsud** dwar l-istess basket, fix-xhieda tiegħu stqarr is-segwenti:

> *"Waqt li kien hemm il-pulizija u l-istaff mediku, kien hemm persuna, ċertu Maria Tiziana Mizzi li ndikatli basket tal-plastic u li qaltli li kien proprjeta' tal-persuna feruta. Minħabba li kien hemm medical staff u anke xi passers by jien*

[4] Fol. 38E tal-atti proċesswali.
[5] Fol. 38E tal-atti proċesswali.

*ġbart dan il-basket mill-art biex ma jitteħidx. Meta mort niċċekja ġo fih.*

*...*

*U meta ttawwalt ġo fih dan il-basket kien hemm borża li kien fiha dak li stajt nissuspetta li seta' kien cannabis. Ġol-basket sibt ukoll ammont ta' cash li kien imgezwer f'folja meħuda minn xi magazine. Meta għaddejthom wara rrizulta li kienu jammontaw għal 1400 Euro. Ergajt kellimt lil Maria Tiziana Mizzi fejn ikkonfermatli li kienet rat il-basket tal-plastic f'idejn il-persuna imweġġa."*[6] (sottolinear ta' din il-Qorti).

**L-ispettur Jonathan Ransley**, in kontro-ezami kkonferma li kien is-surġent 157 Brian Mifsud li kien għaddielu l-basket kontenenti s-sustanza u sussegwentament huwa kien prezenta kollox fil-proċeduri odjerni. In kontro-ezami l-ispettur ma kienx f'posizzjoni li jagħti dettalji ta' xi fatturi li jistgħu jindividwaw dan il-basket. Fil-fatt mill-atti proċesswali jirrizulta li s-sustanza u l-flus li kienu f'dan l-imsemmi basket ġew ipprezentati l-Qorti fl-udjenza tad-9 t'Ottbru tas-sena 2015 mill-ispettur Jonathan Ransley u sussegwentament ġew mgħodija lix-xjenzat maħtur mill-Qorti sabiex janalizza s-sustanza – l-Profs. Emanuel Sinagra. Fid-deskrizzjoni tal-oġġett analizzat, **l-Profs. Sinagra** ddikjara:

> *"Envilop ta' lewn kannella immarkat S/B/475/2017 li kellu borża tal-plastik bil-ħaxix aħdar u kannella u li dan id-dokument kien imsemmi JR5.*"[7]

Illi dejjem mingħajr preġudizzju għad-dritt tas-silenzju tal-imputat fl-iter ta' proċeduri kriminali ma tressqet l-ebda prova li tista' tindika verzjoni oħra tal-inkwatru tal-fatti hekk kif mgħotija mill-prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma mad-difiza li l-katina tal-evidenza ma ġiet ippreservata sew u skond il-liġi. Sabiex tiġi ppreservata sew l-evidenza ma huwiex meħtieġ li xhud jixhed id-dettalji speċifiki ta' kif kien il-basket u l-affarijiet kontenenti fih. Dan iktar u iktar meta l-kontro-ezami ma jsirx immedjatament iżda jsir wara snin mill-akkadut. Li hu meħtieg huwa li jiġi prodott quddiem il-Qorti bħala xhud kull persuna li għadda minn idejha l-oġġett ippreservat b'tali mod li l-Qorti tkun sodisfatta li l-oġġett fil-proċeduri huwa l-istess oġġett li ġie elevat mix-xena tar-reat.

[6] Fol. 21 sa 22 tal-atti proċesswali.
[7] Fol. 53 tal-atti proċesswali.

Fil-każ odjern ix-xhud Mizzi ikkonfermat bil-ġurament dak li hija kienet stqarret lill-pulizija hekk kif seħħ l-inċident u ċioe' li hija rat lill-imputat iżomm il-basket tal-plastik in kwistjoni f'idejh. B'hekk l-oġġett ma ntlemaħx biss mal-art iżda ntlemah minn xhud f'idejn il-qua imputat. Din il-Qorti hija sprovista minn prova oħra li b'xi mod tikkontradixxi din il-prova. Mizzi għaddiet dan il-basket lill-pulizija – PS Mifsud. Kemm Mizzi kif ukoll PS Mifsud jikkonfermaw bil-ġurament li ġol-basket huma raw ħaxix[8] fost affarijiet oħra. Sussegwentament l-istess basket ġie mgħoti lill-ispettur Ransley li pprezentah fil-proċeduri odjerni. Il-Profs Sinagra li analizza s-sustanza kkonferma li ġo l-envelop kien hemm basket tal-plastik flimkien mas-sustanza suspettata cannabis.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti ma jirrizultalha l-ebda nuqqas kif ġiet ikkonservata l-katina tal-evidenza u jirrizultalha pruvat li l-basket tal-plastik kontenenti s-sustanza (li wara rrizulta li hija kannabis) u l-flus kienu fil-pussess fiziku u xjenti tal-qua imputat.

B'hekk jonqos li jiġi determinat huwa jekk dan il-pussess kienx wieħed f'ċirkostanzi li jindikaw li dan ma kienx għall-użu esklussiv ta' Meyret jew xort'oħra.

Fis-sentenza **il-Pulizija vs. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

L-istess *ratio* gie kkonfermat fis-sentenza **il-Pulizija vs Lawrence Fabri** mghotija ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) nhar is-27 ta' April 2017.

Fir-rigward tal-ammont tad-droga, s-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali dejjem sostnew li dan il-fattur ghandu dejjem jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom id-droga tkun instabet. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Ernest Briffa** nhar is-26 ta' Jannar 2021 fejn intqal:

[8] Mizzi tiddiskrevihom bħal "herbs"

*"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Noel Borg*** *deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

> *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].) Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, jingħad li mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-ammont tal-Cannabis fil-pussess tal-imputat kien dak ta' 48.7 gramma. Dan l-ammont huwa wieħed kunsiderevoli u ġia waħdu ma huwiex indikattiv ta' użu personali b'mod esklussiv. Din is-sustanza nstabet fil-pussess tal-imputat waqt li kien barra u mhux fir-residenza tiegħu flimkien ma

ammont sostanzjali ta' flus kontanti madwar Eur. 1,400. Dan l-ammont ta' flus kontanti ma huwiex wieħed li normalment jinstab fuq persuna li jkun sempliċiment miexi fit-triq. B'hekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-Cannabis hekk kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat.

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>

Għal dak li jirrigwarda <u>piena</u> li għandha tiġi erogata din il-Qorti ħadet kont tas-segwenti fatturi:

- Ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat inkluz in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, fejn il-piż tal-pjanta tal-cannabis kien dak ta' 48.7g;
- Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-pulizija fl-istadu investigattiv;
- Il-fatt li din il-Qorti fil-proċeduri odjerni assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-imputat temm b'suċċess il-pjan ta' kura imfassal għalih mill-Bord ta' Rijabilitazzzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga;
- Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li waħda netta kif ukoll ix-xhieda tar-rapprezentant tar-reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali a tenur tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kkonfermat li Meyret għandu pendenti quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali dan il-każ biss.
- Mir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland jirrizulta kjarament li fiż-żmien tar-reati odjerni l-qua imputat kien dipendenti fuq is-sustanza cannabis. Fil-fatt mid-djanjosi tiegħu rrizulta li d-diżordni fl-użu kien ta' livell sever. Mill-istess relazzjoni irrizulta ukoll li r-reati odjerni kienu relatati mal-istil ta' ħajja tal-imputat li kienet tinkludi d-dipendenza fuq id-droga cannabis. B'hekk huwa probabli li d-dipendenza attribwiet b'mod sostanzjali għal kummissjoni tar-reati odjerni li tagħhom huwa ser jinsab ħati.
- Ser tqis ukoll ix-xhieda prodotta mid-difiza li turi indubbjament il-progress sostanzjali li l-qua imputat għamel sabiex jegħleb id-dipendenza tiegħu fuq id-droga. F'dan ir-rigward isir referenza għal fatt li huwa rnexxielu jtemm il-pjan ta' kura quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga b'suċċess kif ukoll għax-xhieda tar-rapprezentant tal-Caritas li kkonfermat li l-andament tal-imputat mal-Caritas kien wieħed pozittiv għall-aħħar. Hija spjegat li l-attendenza tal-imputat għas-sessjonijiet u għat-testijiet tal-urina kienet waħda assoluta u li t-testijiet kollha rrizultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti.

B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja ċ-ċirkostanzi u l-ammont ta' droga suġġetti għal proċeduri odjerni huma gravi tant li normalment jimportaw piena karċerarja effettiva, fil-każ odjern għandha tingħata piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva u dan bil-għan li Meyret ikompli għaddej bl-istabbilita' f'diversi aspetti prinċipali ta' ħajtu li huwa ħadem sabiex jakkwista tul dawn l-aħħar snin.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Alexis Medhy Robin Meyret ħati tal-imputazzjoni hekk kif miġjuba kontrieh. Konsegwentament din il-Qorti, qed tikkundana lill-istess Meyret għall-piena ta' erbatax-il xahar priġunerija li, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien tlett snin millum kif ukoll għall-ħlas ta' multa t'elfejn ewro (Eur. 2,000) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin Ewro (Eur. 150) fix-xahar. F'kaz li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanc jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill-ħati Alexis Medhy Robin Meyret sabiex iħallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 632.99 konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni fi żmien sena millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħar net, il-Qorti tordna l-konfiska tal-corpus delicti (li jinkludu d-droga esebita kif ukoll l-ammont ta' Eur. 1,400 fi flus kontanti) kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**